# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 45/2022/09

**Data tal-laqgħa:** 14 ta' Ġunju, 2022

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop fil-17:05hrs.

### Preżenti:

| | |
|---|---|
| Terence Agius | ***Kunsillier*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsillier*** |
| Cody Galea | ***Kunsillier*** |

### Assenti b'apoloġija *(Skont Ordni Permanenti 14A [3])*

| | |
|---|---|
| John Luke Cassar | ***Kunsillier*** |

### Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Antonia Demicoli | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 45.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

45.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier John Luke Cassar li ma setgħax jattendi għal din il-laqgħa minħabba raġunijiet ta' xogħol, liema raġuni kienet aċċetata mill-Kunsill Lokali *nem.con.*

45.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-Kunsillier Cody Galea kien ser jattendi għal-laqgħa ftit tard minħabba impenji ta' xogħol, liema raġuni kienet aċċetata mill-Kunsill Lokali *nem.con.*

## 45.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 43

45.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 43 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mis-Sindku Terence Agius, li kienet issekondata mill-Kunsilliera Ritienne Caruana dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 45.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 44 (B'Urġenza)

45.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 44 (B'Urġenza) li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, li kienet issekondata mill- Kunsilliera Ritienne Caruana dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 45.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

45.4.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. SPI/SCI/5/2022 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Finanzjament għal xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq funtani fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex.

45.4.1.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din iċ-ċirkulari u qablu li s-Sindku Terence Agius jiċċekkja dwar il-bżonnijiet li hemm biex il-Kunsill idaħħal l-applikazzjoni għall-funtani ta' Pjazza Żerniq. Kien hemm qbil minn dawk kollha preżenti.

45.4.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza minn Infrastracture Malta li x-xogħol ta' tarmak fi Triq Nerik Xerri ser jibda minn nofs Ġunju 2022. Sa issa x-xogħol għadu ma bediex u l-Kunsill ser ikun qed jibgħat *reminder* wara li jgħaddu l-festi jekk ix-xogħol ma jkunx għadu beda.

45.4.3 Il-Kunsillier Cody Galea daħal għal-laqgħa. Il-ħin f'dan l-istadju huwa s-17:45hrs.

45.4.4 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li x-xogħol ta' installazzjoni tal-proġett Wifi4EU kien lest u kien jonqos biss il-konferma fuq il-portal tal-EU.

45.4.4.1 Is-Sindku Terence Agius spjega li kellu jsir xi tibdil minn dak propost minħabba li jekk kien ser isir WiFi fil-każini tal-baned dan kien ser joħolqilhom problema kbira u għaldaqstant saru tibdiliet biex il-*points* rikjesti skont il-proġett jeħlu f'postijiet oħrajn fejn setgħu jintużaw tajjeb.

45.4.5 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva ittra ġudizzjarja dwar il-parkeġġ fi Triq il-Kbira.

45.4.5.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsill kien tkellem mal-Avukat u bagħtlu d-dettalji kollha marbuta mal-każ.

45.4.6 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand l-Għaqda Mużikali San Leonardu biex jieħdu parti mill-fond imħejji għalihom mill-Kunsill biex jitħallsu l-pulizija għall-marċ li sar bħala ċelebrazzjoni tas-suċċess miksub fil-Malta Ground Fireworks Festival 2022.

45.4.6.1 Il-Kunsilliera iddiskutew din it-talba u kien hemm qbil, minn dawk preżenti, li din titħallas u titnaqqas mill-fond tal-Għaqda Mużikali San Leonardu.

45.4.7 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien iltaqa' ma' rappreżentant minn AACC rigward laqgħa dwar id-dementia.

45.4.7.1 Is-Sindku spjega li ġie diskuss li jiġi ffirmat Memorandum of Understanding bejn il-Kunsill u d-Dipartiment tal-Anzjani u Kura fil-Komunità biex Ħal Kirkop isir *Dementia Friendly Village*.

45.4.7.2 Fost l-affarijiet li jistgħu isiru biex dan iseħħ hemm tabelli li jkunu ta' għajnuna għall-persuni bid-dementia. Il-Kunsilliera Cody Galea qal li tista' tintalab l-għajnuna tal-*contracts manager* biex isir studju fejn l-aħjar jeħlu t-tabelli u jkollna pjan holistiku u wara l-Kunsill ikun jista' jiddeċiedi dak li jista' jiġi implimentat. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

45.4.7.3 Apparti hekk, il-Kunsilliera preżenti qablu li jiġi ffirmat il-Memorandum of Understanding bejn il-Kunsill u d-Dipartiment tal-Anzjani u Kura fil-Komunità biex Ħal Kirkop isir *Dementia Friendly Village.*

45.4.7.4 Għaldaqstant, il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex il-Kunsill jiffirma l-Memorandum of Understanding mad-Dipartiment tal-Anzjani u Kura fil-Komunità biex Ħal Kirkop isir *Dementia Friendly Village,* liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

45.4.8 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-permess tal-kamra tal-għodda fil-bitħa tal-Kunsill kien ħareġ, u l-Perit kien ser japplika għall-*commencement notice*.

45.4.9 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva l-informazzjoni mitluba rigward sessjonijiet ta' Yoga u Fitness.

45.4.9.1 Il-Kunsilliera iddiskutew din l-informazzjoni u qablu li jsiru żewġ klassijiet fil-ġimgħa, klassi Fitness u klassi Yoga, waħda nhar ta' Tlieta u oħra nhar ta' Erbgħa rispettivament. Dawn is-sessjonijiet ser jiġu offruti mill-Kunsill bla ħlas.

45.4.10 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand l-Għaqda Mużikali San Leonardu rigward l-użu tas-sala tal-Kunsill waqt 'The 80s & 90s Music Festival'.

45.4.10.1 Is-Sindku qal li t-talba saret biex tintuża s-sala tal-Kunsill għall-kantanti barranin sakemm dawn isirilhom il-ħin biex jagħmlu l-*performance*.

45.4.10.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qablu li jitolbu laqgħa mal-Għaqda Mużikali San Leonardu biex jispjegaw aktar fid-dettal dak li għandhom bżonn u wara jkunu jistgħu jiddeċiedu jekk din it-talba tistax tiġi milqugħa.

45.4.11 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward l-involviment tal-Kunsilli Lokali f'ħidma flimkien mal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u Assoċjazzjoni tal-Muniċipalitajiet tal-Lombardija.

45.4.11.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li għal din id-darba ma japplikawx minħabba li ma tantx hemm żmien li wieħed jaħdem fuqha.

45.4.12 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand il-Pulizija rigward l-introduzzjoni tal-Community Policing.

45.4.12.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li jagħtu data biex jiltaqgħu miegħu għal aktar informazzjoni.

45.4.13 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand ir-Reġjun Punent rigward informazzjoni fuq xebħ ma' reġjuni barranin.

45.4.13.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li jistennew dak li ser jiġi diskuss fil-laqgħa tar-Reġjun peress li din il-laqgħa saret illum fl-istess ħin tal-laqgħa tal-Kunsill.

45.4.14 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva appuntament mingħand l-Onor. Ministru Clifton Grima biex jiġu diskussi *issues* rigward l-użu tas-swali tal-iskejjel mill-għaqdiet tal-lokal.

45.4.14.1 Is-Sindku Terence Agius u l-Viċi Sindku Joseph Schembri ser jattendu għal din il-laqgħa.

45.4.14.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ser tkun qed tibgħat l-aġenda għal din il-laqgħa, liema aġenda ser tkun tinkludi l-użu tas-swali tal-Iskejjel Primarja u Sekondarja mill-għaqdiet tal-lokalità, u l-pjanijiet għall-użu tal-Iskola Primarja.

45.4.15 Minħabba li kien fadal punti importanti għad-diskussjoni, u peress li kienu għaddew it-tlett siegħat, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex il-ħin tal-laqgħa jiżdied, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera preżenti. Il-ħin f'dan l-istadju kien it-19:45hrs.

## 45.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

45.5.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa dwar Sqaq San Nikola.

45.5.1.1 Is-Sindku Terence Agius qal li ser ikun qed jiċċekkja dwaru biex inkunu nistgħu immexxu.

45.5.1.2 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u qablu li tintalab stima għal dan ix-xogħol mingħand il-kuntrattur li ħadem fi Triq ir-Ramlija.

45.5.2 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa dwar il-*ficus* ta' ħdejn il-*fence* tas-suldati.

45.5.2.1 Is-Sindku Terence Agius ser jitkellem mal-Ministru tal-Public Works biex jara x'jista' jsir dwarha.

45.5.3 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana qalet li kellmitha residenta dwar tabella tal-*one way* fi Triq l-Aħfar peress li din qegħda ħafna 'l quddiem.

45.5.3.1 Is-Sindku Terence Agius qal li ser ikun qed jara eżatt il-problema fuq il-post biex filkaż din titressaq.

45.5.4 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar ilment fuq *parking bays* fi Triq Taż-Żebbiegħ fejn qabel saret it-triq bit-tarmak dawn kienu bojod u wara li saret dawn saru sofor.

45.5.4.1 Is-Sindku Terence Agius qal li dawn ma setgħux isiru bojod għax ma joqgħodux kaxxi skont l-iżgħar qis rikjest mil-linji gwida ta' Transport Malta.

45.5.5 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti bil-wasla tal-Onorevoli Ministru Owen Bonnici. Is-Sindku ssospenda l-laqgħa biex il-Kunsill ikun jista' jiltaqa' mal-Ministru. Il-ħin f'dan l-istadju kien t-20:00hrs.

45.5.6 Is-Sindku Terence Agius talab lill-Kunsilliera biex jidħlu għat-tkomplija tal-laqgħa tal-Kunsill. Il-ħin f'dan l-istadju kien id-21:00hrs.

45.5.7 Il-Kunsillier Cody Galea talab biex jitlaq minħabba li kellu impenji oħra. Il-ħin f'dan l-istadju kien id-21:00hrs.

## 45.6 Rapport tal-Ilmenti

45.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ilment rigward talba għal *double yellow lines* fi Triq San Rokku.

45.5.6.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qablu li din ma tistax tiġi milqugħa.

45.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kumplament tal-ilmenti li daħlu matul dan ix-xahar, kif jidhru fil-lista tal-ilmenti, ma kellhomx għalfejn jiġu mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill għax kienu lmenti li ħadet ħsiebhom l-amministrazzjoni.

## 45.7 Approvazzjoni – Minuti tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalità

45.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill, il-minuti tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalità. Wara proposta mis-Sindku Terence Agius, li kienet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 45.8 Jum Hal Kirkop – 29 ta' Mejju, 2022

45.8.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-attività organizzata f'Jum Hal Kirkop kienet suċċess. Is-Sindku rringrazzja lil kull min għen biex setgħet tittella' din l-attività b'mod professjonali bħal dejjem.

## 45.9 Proġett ta' *Bike Racks* f'Ħal Kirkop

45.9.1 Is-Sindku Terence Agius talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega ftit dwar il-proġett ta' *Bike Racks* f'Ħal Kirkop.

45.9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kellha l-kwotazzjonijiet meħtieġa biex tkun tista' ssir l-applikazzjoni tal-*bike racks* f'Ħal Kirkop. Hi talbet lill-Kunsilliera jekk kellhomx xi ideat fejn setgħu isiru aktar *bike racks* biex dawn jidħlu kollha mal-istess applikazzjoni.

45.9.3 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li jiġu ċċekkjati dawn il-postijiet - Kulleġġ San Benedittu Skola Sekondarja, ħdejn il-bandli meta jitneħħew il-*bring-in sites*, l-Iskola Primarja fil-grada, ħdejn l-*open gym*, nistaqsu jekk l-Iskola Medja hux interessati, fi Pjazza Żerniq u fi Pjazza San Leonardu.

45.9.4 Is-Sindku Terence Agius ser ikun qed jiċċekkja dawn is-*sites* kollha biex wara l-verifikazzjoni tkun tista' ssir l-applikazzjoni u l-ordni. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 45.10 Manutenzjoni ta' Ġonna u *Soft Areas*

45.10.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li x-xogħol dwar manutenzjoni ta' ġonna u *soft areas* ma kienx qed jilħaq il-livell mistħoqq.

45.10.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li l-ġardinar jingħata mobile biex il-Kunsill ikun jaf fejn hu l-ġardinar u hu jkun jista' jibgħat ritratti ta' kull biċċa xogħol li jkun qed jagħmel.

45.10.3 Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 45.11 Applikazzjoni – *Art in Public Spaces*

45.11.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar kien reġa' ħareġ is-sejħa għall-proposti dwar il-programm 'Art in Public Spaces'.

45.11.2 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Artist Clint Grech kien beħsiebu jerġa' jressaq il-proposta li kien għamel f'sejħa oħra iżda wara li ra sewwa r-rekwiżiti ta' din is-sejħa ħass li l-proposta għandha tinbidel kompletament biex tkun tista' tilħaq ma' dak mitlub.

45.11.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ħsieb tal-Artist huwa li jaqleb il-proposta fuq materjal riċiklat u għaldaqstant tkun tista' tiġi applikata fuq skema oħra. Dan għall-fatt li issa ma fadalx biżżejjed żmien biex il-proposta tiġi rranġata u jintlaħaq id-*deadline* ta' din l-applikazzjoni.

45.11.4 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li jaraw l-idea tal-Artist u jmexxu skont il-gwida tiegħu.

## 45.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

45.12.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 127 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

45.12.2 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 127 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsilliera Ritienne Caruana, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 45.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

45.13.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

45.13.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta, 5 ta' Lulju, 2022 fl-16:30hrs.

45.13.3 Il-laqgħa ntemmet fid-21:30hrs.

*(iffirmati)*

Terence Agius
***Sindku***

Antonia Demicoli
***Segretarju Eżekuttiv***

**Data:** 5 ta' Lulju, 2022

**Mozzjoni Ref:** 238/22/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 43.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
Ritienne Caruana

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data:** 14 ta' Ġunju, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 239/22/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 44 (B'Urġenza).

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Joseph Schembri | Ritienne Caruana |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 14 ta' Ġunju, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 240/22/9

**Mozzjoni:**

Biex il-Kunsill jiffirma l-*Memorandum of Understanding* mad-Dipartiment tal-Anzjani u Kura fil-Komunità biex Ħal Kirkop isir *Dementia Friendly Village.*

**Proponent**
Joseph Schembri

**Sekondant**
Cody Galea

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 14 ta' Ġunju, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 241/22/9

**Mozzjoni:**

Biex jiżdied il-ħin tal-laqgħa minħabba li kienu għaddew it-tlett siegħat u kien fadal punti importanti biex jiġu diskussi.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
Cody Galea

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 14 ta' Ġunju, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 242/22/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-Minuti tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalità.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Terence Agius | Joseph Schembri |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 14 ta' Ġunju, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 243/22/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 127.

**Proponent**
Joseph Schembri

**Sekondant**
Ritienne Caruana

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 14 ta' Ġunju, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**